MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 4/2015

**Clare Gauci, Josianne Dimech, Matthew Pace,**

**Norman Martin, Joe Gauci, Charmaine Farrugia,**

**Chris Debono, Mary Rose Mercieca, Christophe Hessels,**

**Karin Isberg, Marthese Bonello, Gracelynn Attard, Ian Borg,**

**Mario Scerri, Stephen Grixti, John Grixti,**

**Joseph J. Giardina, Marco Micallef, Andrew Borg,**

**Dr. Katie Birch, Stephanie Farrugia, Dr. Mark Grech,**

**Josette Cassar, Klaus Stock, Jeffrey Decelis,**

**Chris Debattista, Sharon Magri, Antoinette Gauci, Mario Buttigieg,**

**Joe Bugeja, Mary Pisani, Mark Harwood, Roswell Bugeja**

**vs**

**L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti tas-16 ta' Frar 2015 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-29 ta' Jannar 2015 fejn gie michud l-appell taghhom ghax kien tardiv ghax l-appellanti ma setghux jitqiesu li kienu third party objectors;

Rat ir-risposti tal-applikant u l-Awtorita li ssottomettew li l-appell ghandu jigi michud;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

> Ikkunsidra
>
> Illi din id-decizjoni preliminari tirrigwarda t-tardivita' jew meno tal-appell li sar. Il-ligi applikabbli huwa l-Avviz Legali 514 tal-2010 (7 (2) flimkien mal-artikoli 41 (1)(c) (i) u 68 (4) tal-Kap 504.
>
> L-A.L. 514 tal-2010 jiddisponi hekk:
>
> 7. (1) Kull persuna tista' tiddikjara interess f'applikazzjoni ta' zvilupp skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 68(4) tal-Att.
>
> (2) Dak l-interess għandu jigi rregistrat mal-Awtorità fi zmien ghoxrin gurnata mid-data tal-pubblikazzjoni tan-notifika ta' applikazzjoni f'gazzetta lokali:
>
> L-artikolu 41 (1) jiddisponi li t-Tribunal ghandu gurisdizzjoni:

(c) jisma’ u jiddeċiedi appelli li jitressqu minn terzi persuni interessati minn decizjoni tal-Awtorità dwar kull haga ta’ kontroll tal-izvilupp, b’dan illi:

(i) dak l-appell jista’ jsir biss minn terza persuna interessata li tkun ghamlet xi kummenti bil miktub skont l-artikolu 68(4) meta tigi pubblikata l-applikazzjoni għall-ghemil ta’ zvilupp.

L-artikolu 68 (4) jiddisponi:

Kull persuna tista’ tiddikjara interess f’xi zvilupp u, abbazi ta’ ragunijiet li jkunu rilevanti ghall-ippjanar, taghmel ilmenti dwar dak l-izvilupp. Dik id-dikjarazzjoni ta’ interess flimkien ma’ l-ilmenti ghandha ssir bil-miktub u tasal għand l-Awtorità fiz-zmien kif stabbilit mill-Awtorità.

Ghalhekk huwa stabbilit illi persuna interessati hija persuna li tkun ghamlet ilmenti taghha fi zmien ghoxrin gurnata mid-data tal-publikazzjoni.

It-Tribunal irid ghalhekk jara jekk l-appellanti odjerni ghamlux il-kummenti ossia ilmenti taghhom fiz-zmien imsemmi. Mill-Atti jirrizulta bic-car li dana ma sehhx. Infatti l-ghoxrin gurnata skadew fis-16 ta’ Dicembru 2013 izda l-oggezzjonijiet dahlu fit-18 ta’ Frar 2014.

L-Appellanti jindikaw li huma ghamlu l-oggezzjonijiet tard billi kien hemm diskrepanza bejn il-proposta originali u dik finalment pubblikata.

It-Tribunal huwa marbut bil-ligi. Ir-regolamenti huma cari fis-sens illi min huwa interessat irid jaghmel l-ilmenti fi zmien ghoxrin gurnata kif inghad fuq. Imkien fil-ligi ma hemm stipulazzjoni li tirrigwarda tibdiliet fil-proposta jigifieri li persuna interessata tista taghmel l-ilmenti taghha wara xi tibdiliet. Il-ligi hija siekta billi riedet tikkreja element ta’ certezza li tista biss issehh wara l-pubblikazzjoni.

L-intenzjoni tal-Legislatur, anki fil-kliem uzati, jidher li kienet li kull min ghandu interess ghandu jiddikjara dan il-fatt proprju sabiex jigi infurmat u notifikat b’dak li huwa jigri. Li kieku ma sarx hekk kien ikollna sitwazzjoni ta’ incertezza assoluta billi l-Awtorita’ ma kienet tkun taf qatt lil min ghandha tinforma b’tibdiliet, jekk ikun hemm.

> L-uzu tal-kelma interess huwa krucjali. Ghalkemm huwa normali li tintuza l-kelma oggezzjoni l-ligi tuza l-kelma interess ghaliex persuna tista tkun interessata fi zvilupp minghajr ma toggezzjona ghalih. Li tiddijkara interess ifisser li inti qed turi lill-Awtorita' li tixtieq tkun taf x'inhu ghaddej biex imbaghad taghmel il-kummenti tieghek fl-ambitu tal-ligi u fil-mument opportun inkluz, jekk huwa l-kaz, li taghmel appell.
>
> Ghalhekk fl-umli fehma tat-Tribunal l-Appell de quo huwa tardiv u konsegwentement l-Appell huwa michud.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti:

1. In-nullita tad-decizjoni tat-Tribunal peress illi wiehed mill-appellanti mhux imsemmi fl-okkju tad-decizjoni kif ukoll mhux imsemmi l-applikant;

2. It-Tribunal interpreta hazin l-eccezzjoni preliminari maghmula mill-Awtorita u trattaha biss mill-punto di vista jekk l-appell kienx tardiv o meno. L-eccezzjoni ma kinitx f'dan is-sens izda jekk l-appellanti kellhomx locus standi quddiem it-Tribunal, billi ma ressqux l-oggezzjonijiet taghhom ghall-applikazzjoni fiz-zmien stipulat mill-ligi mill-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni. Id-decizjoni ghalhekk hi ultra u extra petita;

3. It-Tribunal lanqas qies l-aggravju tal-appellanti ghal din l-eccezzjoni. L-aggravju kien li appell sottomess skond l-artikoli 41(1)(a) ma hux dipendenti mill-fatt jekk appellant ikunx persuna li oggezzjona a bazi tal-artikolu 68(4) tal-Kap. 504. In oltre l-appell a bazi tal-artikolu 41(1)(c) kien validu wkoll ghaliex l-applikant kien biddel sostanzjalment il-proposta kontra d-dispost tal-Avviz Legali 514/2010 u ghalhekk l-appellanti kellhom lok li jappellaw quddiem it-Tribunal.

**L-ewwel aggravju**

Din l-eccezzjoni ta' nullita minhabba nuqqasijiet fl-okkju kien ikollha importanza fuq is-smigh tal-appell innifsu pero tali eccezzjoni ma ghandhiex tigi kunsidrata qabel ma tigi kunsidrata d-

decizjoni tat-Tribunal li stronkat id-dritt tal-appellanti quddiem it-Tribunal u li ghalih saru aggravji appoziti mill-appellanti. Jekk it-Tribunal hu korrett fid-decizjoni teighu, allura l-appellanti ma jistghux ikollhom jedd ta' udjenza quddiem din il-Qorti mid-decizjoni tat-Tribunal. Fl-invers cioe jekk l-appellanti kellhom locus standi l-eccezzjoni preliminari ma jibqaliex sahha ghaliex l-atti jigu rimessi lit-Tribunal biex l-appell jigi trattat mill-gdid u ebda parti, inkluza jew eskluza mill-okkju tad-decizjoni tat-Tribunal ma tkun sofriet hsara. Dan qed jinghad b'aktar serhan tal-mohh ghal partijiet u ghal principju ta' smigh xieraq peress illi l-applikant li ma jidhirx fl-okkju wkoll ghamel risposta ghall-appell u l-appellant li ma jidhirx fl-okkju hu biss wiehed minn diversi appellanti kollha bl-istess interess.

Ghalhekk f'din ic-cirkostanza partikolari l-Qorti ser tastjeni milli tiehu decizjoni fuq din l-eccezzjoni u ser jigi deciz l-appell fuq l-aggravji tal-appellanti.

**It-tieni u t-tielet aggravji**

L-appellanti qed isostnu li t-Tribunal ma fehemx l-eccezzjoni tal-Awtorita cioe li ma kienux third party objectors skond il-ligi ghax ma ressqux oggezzjonijiet ghal applikazzjoni fiz-zmien stipulat mill-ligi u ghalhekk ma setghux jappellaw quddiem it-Tribunal. Kwindi l-appellanti ma kellhomx locus standi quddiem it-Tribunal. Invece t-Tribunal iddecieda l-appell biss fuq jekk l-appell kienx tardiv.

Din il-Qorti tqis illi bhala fatt l-appellanti ghandhom ragun ghaliex it-tardivita ta' appell hu kuncett differenti minn ammissibilita ta' appell ghax parti ma ghandhiex il-jedd tappella.

Il-Qorti kienet tkun propensa taghlaq ghajn wahda ghal dan il-lapsus jekk kienet tkun konvinta li t-Tribunal zbalja biss l-ghazla tad-dicitura izda fis-sustanza iddecieda l-aggravju.

Pero harsa lejn id-decizjoni din il-Qorti mhix konvinta li hekk sehh. Hu minnu illi t-Tribunal iddecieda illi l-ligi ma tippermetti ebda eccezzjoni ghar-regola li kull min ghandu interess irid jurih fit-termini preskritti tal-artikolu 68(4) tal-Kap. 504 u l-Avviz Legali 514/2010 regolament

7(2). Billi l-appellanti ma urewx interess fl-applikazzjoni fiz-zmien li jaghti l-avviz legali cioe fi zmien ghoxrin jum mid-data tal-pubblikazzjoni tan-notifika tal-applikazzjoni f'gazzetta lokali kull bieb iehor senjatament ta' appell quddiem it-Tribunal fl-ambitu tal-proceduri tal-ippjanar hu maghluq.

It-Tribunal sostna dan minn qari tal-artikolu 41(1)(c)(i) meta afferma li t-Tribunal jisma' u jiddeciedi appelli minn terzi interessati dwar kull haga ta' kontroll ta' zvilupp b'dan li l-appell mit-terz jista' jsir biss jekk ikun ghamel il-kummenti bil-miktub skond l-artikolu 68(4).

Mehud wahdu dan iwaqqa' t-tieni aggravju tal-appellanti pero t-tielet aggravju tal-appellant ma giex indirizzat kollu. L-appellant ikkontenda illi l-appell seta' jsir a bazi tal-artikolu 41(1)(c) ghax l-applikant biddel sostanzjalment il-proposta. Dan l-aggravju kuntrarjament ghal dak li sostnew l-appellanti gie indirizzat mit-Tribunal fuq kwistjoni ta' interpretazzjoni legali tal-ligi. Apparti l-fatt li l-Qorti ma ghandhiex tintrometti ruhha fuq interpretazzjoni tal-ligi tal-ippjanar maghmula mit-Tribunal fejn hemm lok ghal diskrezzjoni ta' interpretazzjoni u fejn tali interpretazzjoni mhix kuntrarja ghall-istess ligi stess kif maghmula jew hi tant assurda li tikkreja periklu ghal gudikati futuri, f'dan il-kaz it-Tribunal sostna li l-ligi ma taghtix eccezzjoni kif qed jippretendu l-appellanti ghax l-artikolu 41(1)(c)(i) huwa car meta kombinat mal-artikolu 68(4) u ma jippermettix eccezzjoni. Din il-Qorti ma issibx li tali interpretazzjoni b'xi mod ghandha tigi censurata. It-Tribunal ha l-pozizzjoni li l-ligi kif inhi illum bil-Kap. 504 taghti lil kull persuna <u>interessata</u> turi fiz-zmien opportun li hi interessata fl-izvilupp u kwindi partecip b'mod shih fil-process ta' ippjanar u proceduri applikabbli. Jekk dak l-interess ma jintweriex b'dikjarazzjoni tali skond kif irid l-artikolu 68(4) u regolament 7(2) tal-Avviz Legali 514/2010 allura ma jistax isir uzu mir-rimedju li taghti l-ligi.

In kwantu pero ghall-ammissibilita tal-appell a bazi tal-artikolu 41(1)(a), it-Tribunal kien sieket fuq din il-kwistjoni. L-aggravju tal-appellant hu fis-sens illi appell maghmul a bazi ta' protezzjoni ambjentali jista' jsir anki jekk l-appellant ma kienx third parti objector skond il-ligi. Din il-kwistjoni fiha mertu sostantiv li kellu jigi indirizzat mit-Tribunal u kellu jinghata gudikat dwaru. Il-kwistjoni giet indirizzata b'mod car mill-appellanti quddiem it-Tribunal, tant li anki qari tar-risposti ghall-appell quddiem din il-Qorti giet trattata l-kwistjoni li hi wahda legali pero b'konsegwenzi u effetti serji. Din il-Qorti ma tqis li ghandha tindirizza l-aggravju hi ghax il-partijiet ghandhom ikollhom l-opportunita li jivventilaw l-argumenti taghhom quddiem it-

Tribunal u hekk it-Tribunal ikun jista’ jasal f’decizjoni jekk appell taht dan l-artikolu cioe 41(1)(a) hux ammissibbli nonostante li l-appellant ma jkunx third party objector ai finijiet tal-ligi. Ghalhekk ghal din ir-raguni l-Qorti tqis illi l-appell hu gustifikat u t-Tribunal irid jiddeciedi wkoll din il-lanjanza biex jasal ghal konkluzjoni jekk id-divjet ta’ appellabilita quddiem it-Tribunal hux sostnut nonostante dan l-aggravju.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-appell tal-appellanti in kwantu biss ghaliex ma giex deciz wiehed mill-aggravji tal-appellant li kien jimpingi direttament fuq l-ammissibilita o meno tad-dritt ta’ appell quddiem it-Tribunal u kwindi tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-29 ta’ Jannar 2015, u tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal biex jerga’ jiddeciedi l-appell mill-gdid a bazi ta’dak deciz u b’rakkomandazzjoni li jivverifika sew l-okkju tad-decizjoni. Spejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------